# MIKIEL ANTON VASSALLI

Naħseb li ftit huma dawk li fostna l-Maltin jafu bil-ħajja u xogħlijiet ta' dan il-bniedem ; jew jekk hemm min jaf bix-xogħlijiet tiegħu, għal dawn in-nies il-ħajja ta' Vassalli hija ħaġa li fuqha qatt ma ħabblu rashom, jew għalkemm fettxew li jkunu jafuha, qatt ma rnexxielhom ikollhom l-inqas ħjiel tagħha jew xaqq ta' dawl fuqha. Illi tkun taf bir-reqqa l-ħajja ta' dan il-bniedem, imsemmi bħala l-ewwel wieħed li kiteb grammatka maltija u l-ewwel wieħed li bena ortografija fuq sisien sħaħ, m'hix ħaġa li għandek biss toħlomha. Wara bosta tiftix, tgħarbil, tisfiq ta' wiċċ, u xi nefqa wkoll, irnexxieli bit-taħbit naqbad minn hawn u minn hinn xi tarf, u nikxef u ndabbar xi dokumenti, u fuqhom ngħaqqad xi bċejjeċ ta' ħajtu... Saħansitra, wara ħafna mistoqsijiet u ġiri bl-arblu tar-razza f'idejja, sew sew sena ilu, kelli x-xorti niġi wiċċ-imb'wiċċ ma' waħda (l-aħħar waħda) mit-tfal bniet ta' Grabiel Vassalli, wieħed mit-tlitt itfal ta' Mikiel Anton Vassalli, u minnha ncun naf u ngħaqqad is-sensiela ta' xi ġrajjiet ta' żgħożitu, taż-żwieġ tiegħu, u ta' uliedu. Wisq ftit li stajt nieħu minn fomm din ix-xwejħa, bejn li din kienet l-iżgħar fost ħutha, u għalhekk ftit jew xejn ma baqgħet tiftakar fuq dak li semgħet minn fomm missierha u ħutu, bejn ukoll li kienet imdaħħla fiż-żmien u moħħha ma baqâx jarfa'. Il-lum ukoll, din l-aħħar waħda fost l-ulied ta' ulied Vassalli, xahrejn ilu, il-Bambin ġabarha wara li għarfet trabbi 'l uliedha b'tagħlim sod u fil-biża' t'Alla, fosthom żewġt ibniet li jinsabu sorijiet u tliet subien li huma ix-xempju tal-misserijiet.

Il-ħsieb tiegħi kien għadu il-bogħod biex jiena nħażżeż il-ġrajja ta' dan il-bniedem billi s'issa għadu ma rnexxilix li nimla' l-bosta żminijiet ta' ħajtu, iżda d-Direttur ta' Il-Malti ħajjarni biex dak kollu li s'issa ġbart inġibu f'dan il-Qari sakemm il-quddiem, jekk il-Bambin jislifni l-għomor, inkun nista' ngħaqqad ħajtu kollha u niġborha fi ktieb.

Il-ħajja ta' Vassalli tista' titqassam fi tlitt bċejjeċ li huma: il-ħajja privata tiegħu, jiġifieri dik ta' torbitu bid-drawwiet u l-ħajja ġewwenija tiegħu ; il-ħajja pubblika jew soċjali, jiġifieri dik ta' għemilu qalb in-nies tad-dinja, u il-ħajja letterarja jew tal-kitba tiegħu, jiġifieri dik li għandha x'taqsam mat-tagħlim u x-xogħlijiet tiegħu tal-kitba.

Fost dawn it-tlieta l-inqas li nista' nitħaddet fuqha hija dik ta' l-ewwel waħda, għax dik hija ħaġa li stajt inkun nafha biss, jew l-iktar, minn uliedu jew nies li jafuh, illum kollha mejta. Ftit jew xejn huma dawk it-tifkiriet li fuqha setgħu jdawluni. Fuq dak li hu xogħol letterarju nitkellem fil-wisa' u għalih fl-aħħar biċċa ta' din il-bijografija.

* * *

Mikiel Anton Vassalli twieled Ħaż-Żebbuġ fil-5 ta' Marzu, 1764, minn Grabiel u Ketrin Vassallo. Kif jidher mill-fidi tal-magħmudija u mill-arblu tar-razza, kunjomu hu Vassallo u mhux Vassalli, kif baqa' jitniżżel minnu mill-ewwel darba li ħareġ il-Grammatka Maltija bil-latin (1791) b'ismu u kunjomu bil-ġenetiv. Id-dar fejn twieled għadna ma nafuhiex. Milli jidher fil-fonti tal-magħmudija tawh l-ewwel isem ta' *Mikiel* bħala tifkira ta' missier missieru *Mikiel Vassallo* u ta' *Anton* bħala tifkira ta' missier ommu *Antonio Magro*. Għammdu il-kappillan tar-raħal li dik il-ħabta kien Dun Franġisk Grima, u wieħed mill-parrinijiet tiegħu Ċikku Sajd (1) li kien ħaten ommu. Kellu żewġ ħutu oħra: Savier u Marċella. Xejn għadna ma nafu fuq torbitu. Minn dak li stajt nakbad mill-kitbiet taż-żwieġ, missieru u ommu kellhom xi ħaġa minn ħwejjiġhom, fosthom dar b'mandra fil-ħâra ta' San Mark, is-Siġġiewi, xi raba' f'tal-Imwieġel u xi sehem mir-raba' tas-Sisien, f'Ħaż-Żebbuġ (2). B'dak li kellhom minn ħwejjiġhom naħseb li lil binhom Mikiel Anton, kif naraw il-quddiem, setgħu jgħallmuh u saħansitra jibagħtuh Ruma biex jissokta xi tagħlim. Iżda l-qofol tal-ġid, kif jidher, kien min-naħa tal-omm, li qabel ma għaddiet għat-tieni żwieġ, u wara li romlot mill-ewwel raġel, kienet kisbet xi ġid ieħor barra minn dak li ġiebet b'dota fl-ewwel żwieġ, fosthom, dar fi sqaq tal-misraħ ta' Ħaż-Żebbuġ, nofs dar oħra b'mandra f'Ħal-Dwin, u nofs għalqa f'tal-Ħesri msemmija Ta' Blat-il-Qamar (3).

Vassalli tilef lil missieru mita kellu xi sitt snin. Ommu fl-1770 insibuha li reġgħet iżżewġet u ħadet lil Gejtan Mifsud li milli jidher (4) kien bniedem tar-raba'. Għadni ma sibt ebda tifkira fuq it-trobbija u l-ewwel tagħlim ta'

(1) Ara Parroċċa Ħaż-Żebbuġ. Liber Baptiz: Vol: VII Fol: 162 1764 Marzu 5.

(2) Ara Atti Filippo Amato, 6 ta' Jannar, 1762.

(3) Ara Atti Salvatore Raffaele Mifsud, 14 ta' Ġunju, 1770.

(4) do. do.

Vassalli, iżda fost niesu tal-aħħar għad hemm min igħid li hu kien għal qassis, u jekk inhu hekk, iktarx li hu tgħallem fis-Siminarju tal-Imdina. Iżda Vassalli stess jistqarr li sakemm kellu 17 il-sena ma kien jaf bl-ebda lsien u l-anqas ma kien jitkellem ħlief bil-Malti (1). L-ewwel biċċa xogħol li tgħarrafna dwar xi studju tiegħu huwa "L-Alfabeto Maltese spiegato in lingua Maltese ed Italiano" stampat għand Fulgoni, f'Ruma, 1790. Dan l-ewwel xogħol jurina li Vassalli mita kellu 26 sena kien qiegħed Ruma (kemm kien ilu ma nafux), iżda iktarx kien diġà għamel xi studju hemmhekk u kif stqarr hu stess (2) mita hemm f'Ruma ġie biex jifli l-għamla tal-ilsien malti u jfassal alfabet, jagħmel grammatka u jdomm dizzjunarju malti, hu kellu l-ewwelnett jitgħallem il-għarbi u nbagħad l-ilsna semin l-oħra ta' ġebbieda waħda mal-għarbi u l-malti—studji li kif naħseb għamilhom f'Ruma u hemmhekk ukoll kif naraw il-quddiem, kien iktarx surmast tagħhom. Mill-Prefazzjoni tal-Grammatka Maltija bil-latin (1791) u minn dik tal-Grammatka li ħareġ fl-1827 (3) nieħdu li l-ewwel alfabet Malti, magħmul b'ittri fonetiċi fuq dak ta' ilsna semin bħal malti, kien minnu msawwar sa mill-1788. Fl-1791 ħareġ il-Grammatka Maltija bil-latin taħt l-isem ta' "Mylsen Phœnico-Punicum sive Grammatica Melitensis." Din kien ukoll stampaha bi flusu f'Ruma għand Antonio Fulgoni.

Il-Kanonku Fortunat Panzavecchia (li wara wkoll kien kiteb Grammatka Maltija, 1845) kien laħaq lil Vassalli bejn l-1820 u l-1829, mita jiġifieri l-wieħed kien żagħżugħ ta' dwar it-23 u t-32 u l-ieħor raġel ta' bejn il-56 u l-65 sena, u billi fi żmienu kien jaf lil Vassalli bħala bniedem fil-bżonn, fil-Prefazzjoni li kien lesta għall-Dizzjunarju Etimoloġiku Malti u Taljan. (4) kien semma illi "għalkemm ir-risorsi tal-fortuna ta' Vassalli kienu ċkejkna, dan il-bniedem kien sab ittarf biex f'Ruma joħroġ Grammatka Maltija bil-latin u ktieb il-Kliem Malti mfisser bil-Latin u bit-Taljan." Iżda għandna naħsbu illi biex qagħad f'Ruma, sew biex jistudja jew biex igħallem u ħareġ dawn il-kotba, jekk wara l-mewt ta' missieru ma kellux xi ġid minn sehmu, hu kien megħjun minn ommu jew xi ħadd ieħor minn niesu. Wara li kont ktibtlu biex ifittxxli fl-Arkivju tal-*Propaganda Fide* xi ħaġa

(1) Ara "Lexicon" paġ. xiv, § xiv.

(2) Ara "Lexicon" paġ. vii, § ii.

(3) Ara "Grammatica della Lingua Maltese" (1827) paġ: v.

(4) Ara "Diz. Etimologico Maltese ed Italiano" etc. Can. Fortunato Panzavecchia (1850) Prefazione paġ. ii.

fuq il-qagħda ta' Vassalli f'Ruma, Patri Serafin Zarb, li qiegħed Ruma, kien sab fil-Bibljoteka tal-Istitut tagħhom (Istituto "Angelicum") kopja tal-"Grammatica Melitensis" mogħtija bħala rigâl mill-istess Vassalli lil Patri Gabriele Fabricy, Teologu tal-Bibljoteka Casanatense. Kif għarrafna Patri Zarb fil-"Malti" ta' Ġunju 1931, Vassalli waqt li kien Ruma, iktarx kien mar iżur il-Bibljoteka Casanatense fejn kien jinsab it-Teologu Fabricy. Hu kien iktarx ħabib tiegħu u ħallielu bħala tifkira dan il-ktieb. Wara l-qoxra tal-ktieb Fabricy kien kiteb dawn il-kelmiet: *Donum Cl: Auctoris Melitensis aetatis annum trigesimum vix agentis* (mogħti b'rigâl mill-wisq magħruf Kittieb malti li bilkemm għandu 30 sena). Wara l-ewwel faċċata kiteb dawn il-kelmiet :—

"Fr. Gabriel Fabricy. Ord: Praed: Theologus Casanatensis Cl: Auctoris Donum. Tò Mylsen in Melitense Dialecto idem significat ac lingua"

Jidher għalhekk illi Vassalli, sa kemm kellu mat-tletin sena (jiġifieri dwar is-sena l-1794) kien għadu qiegħed Ruma jew kien għadu jmur f'din il-Belt.

Wara dil-biċċa xogħol, u sew sew sentejn wara (1793), ħareġ tifsira ta' tliet epigrafi ta' oqbra miktubin bil-Għarbi b'karattru kufiku, taħt l-isem ta' "Tria Monumenta Lapidea Sepulcralia Kufico—Arabico—Sicula etc." (1) Minn din il-biċċa xogħol naqbdu l-ewwelnett illi f'Awissu tal-1792, kif kien għaddej minn Palermu, (la nafu l-ura lejn Malta u l-anqas rieġa' sejjer Ruma minn Malta) ġietu li jara bosta tifkiriet minquxin bil-kufiku, fosthom it-tliet epigrafi li semmejna. Il-kitba tagħhom b'ittri kufiċi ġiet minnu maħżuża bin-Neski jiġifieri bil-karattru Għarbi mexxej tal-lum u minnu l-ewwel darba imfissra bil-Latin. Dawn il-lapidi kienu nsabu f'Palermu fid-dar tas-Sur Antonio Magnasco u meħudin fil-Bibljoteka tas-Senat ta' Palermu. F'nota tal-ktieb wiegħed li kellu joħroġ Alfabett—Kufiku—Għarbi meħud minn fuq il-kitba ta' fuq l-oqbra Għarab ta' Sqallija, Pozzuoli, Malta eċċ. imsemmi "Alphabetum Kufico—Arabicum—lapidarium sive Karmaticum ex Inscriptionibus Kufico — lapideis in

(1) It-titlu kollu tal-ktieb hu dan:
*Tria Monumenta Lapidea Sepulcralia Kufico-Arabico-Sicula Characteribus Kufico-Arabicis utrinque insculpta Panormi in domo D.ni Antonini Magnasco Mense Septembris superioris an. MDCCXCII inventa et in publicam Excellentissimi Senatus Panormitani Bibliotecam Translata Descripsit in hodiernum characterum Arabicum Neski vulgo dictum Reddidit et Interpretatus ést Michaël Antonius Vassalli Meliten. O. R. L. L. Prof.*



# AVVISO
## DELL' AUTORE

Ecco finalmente venuto alla luce il promesso VOCABOLARIO MALTESE. Il suo Autore nell'unire il materiale de' vocaboli coi loro varj significati si è accorto di non poter dividere l' opera e farla stampare al tenore del Manifesto indirizzato nel 1792. Egli di fatti avea prima pensato di produrla in tre tomi da contenersi in due volumi di sesto minore del presente: ma dopo aver ravvisato la copiosità de' termini e l'ampiezza de' significati, e quindi preveduto la necessità di descriverli con chiarezza credè dover suo di perfezionare, per quanto sia possibile, questo nuovo Dizionario coll' arricchirlo di quante dizioni avesse potuto raccogliere, e col farne la stampa nel presente sesto, ed in questo silvio, e non in minor carattere, perchè un' opera nuova, e specialmente in questo genere di letteratura, si renderebbe difficile a leggersi, se a chiare cifre non venisse stampata.

Ma per eseguire la stampa in tal carattere senza tralasciare le necessarie aggiunte e il discorso preliminare, e per non aumentare il numero de' volumi è venuto l' Autore nella determinazione di divisare l'opera in altra maniera; cioè di marcare in margine i vocaboli Maltesi colle lettere corsive, le quali citandosi poi colla colonna verranno nell' indice latino e italiano a far corrispondere i significati; e così senza i due tomi latino-maltese ed italo-maltese suppliranno i due indici latino ed italiano nell' altro volume. Prima però di dare alla luce questi due indici pensa l' Autore di accrescere l' opera d' un Supplemento di parecchie voci Maltesi, le quali tra l' affluenza la varietà il complesso e la novità d' una prima raccolta isfuggirono involontariamente le di lui vedute; e ciò farà sì che questa edizione non sarà per ora suscettibile di aumento. Tale aggiunta unitamente all' Appendice Etimologica e gl' accennati due Indici formeranno un secondo volume forse poco minore del Dizionario.

Or attesa la grandezza del sesto e del carattere, l' aumento dei ragionamenti preliminari, l' aggiunta da farsi, e la diversità totale del nuovo divisamento viene l' opera a richiedere maggior fatica e dispendio, e perciò pare che l' Autore debba pretendere dai Signori Associati ~~maggior prezzo dallo stabilito nel citato~~ manifesto. Egli p. ora consegnerà il p.nte volume ai Sig.i Associati al prezzo di scudi 4, e l'altro 2. onde chi è associato l'aumento sarà di uno scudo in tutta l'opera. I non associati pagheranno questo volume scudi 5. e p. l'altro due e mezzo.

M. Ant. Vassalli

Avviż ta' Mikiel Anton Vassalli maħruġ flimkien mal-"*Lexicon*" (1796) b'tiswija miktuba u iffirmata minnu dwar il-Prezz tal-Ktieb.

Sicilia, Putioli, Melita, Cosyra, alibique compertis excerpt etc." Dan l-alfabett baqa' biex ma ħarġu qatt. It-tieni ħaġa li turina din il-biċċa xogħol hija illi hu fl-1793, kif jidher fil-frontispizju ta' dan il-ktejjeb, kien sejjaħ lilu n-nifsu Professur tal-Malti u ta' l-ilsna Orientali, ħaġa li tatik x'taħseb li hu fil-waqt li kien Ruma iktarx li kien igħallem dawn l-ilsna jew magħruf bħala mgħallem tagħhom. Antonio Simon Assemanno, Professur tal-Għarbi u Kaldajk tal-Kulleġġ tal-*Propaganda Fide* u tal-Librerija tal-Vatikan, b'ittra li tidher wara l-Prefazzjoni tal-Grammatka Maltija bil-latin (1790), kien ukoll sejjaħlu "mgħallem tal-Malti u tal-Ilsna Orientali,". Minn xi ittri li ġew f'idejja, dwar it-traduzzjoni bil-Malti tal-Erba' Vangeli magħmula minnu (1823-25) fl-aħħar żmenijiet ta' ħajtu, jidher li l-kotba li hu kien ħareġ f'Ruma, fosthom il-*Lexicon*, kien stampahom GHAND il-Propaganda u dan ifisser li ANTONIO FULGONI kien l-istampatur tal-*Propaganda Fide*, u li kemm dam Ruma jew baqa' jżur din il-Belt, ftit jew wisq dejjem kellu x'jaqsam magħna; iżda din hija ħaġa li għadni nfittixha u għalhekk ukoll il-qagħda jew mawrien tiegħu f'Ruma f'żgħożitu għadhom daqxejn waħda fid-dlam.

Fis-"*Selva degli Autori Maltesi*" Antonio Schembri jgħid illi x-xogħol tat-"*Tria Monumenta lapidea etc.*" ġie msemmi mill-Brunet "*Manual du Librarie* 4 Edit: vol: 4 paġ. 429.

Wara din il-biċċa xogħol, fis-sena 1796 Vassalli ħareġ bil-Vokabolarju Malti taħt l-isem ta' "Ktyb yl Klym Mâlti mfisser byl-Latin u byt-Talyân, sive liber dictionum Melitensium, hoc est Michaelis Antonii Vassalli Lexicon Melitense-Latino-Italum. Romae apud Antonium Fulgonium MDCCXCVI". Mill-ewwel manifest li chien ħareġ biex jissieħbulu f'dan ix-xogħol, jidher li dan il-Vokabolarju kien ħaseb għalih mal-ħames snin qabel, meta hu kien għadu Ruma u ħareġ l-ewwel grammatka (1). Fil-Prefazzjoni jsemmi li biex ġabar il-kliem kollu ta' dan il-Vokabolarju hu kellu minn Ruma jerġa' jmur Malta u jżur l-irħula tal-Gżira. Fela Manoskritt ta' Agius de Soldanis (Damma Ms. 143 B. P.) fejn sab mal-mitt kelma għawdxija li kellu jmur ifittixhom Għawdex, u dan jurina li hu biex jifli u jgħarbel dan kollu minn mindu, ngħidu aħna, kellu għoxrin sena sakemm kellu dawk it-tnejn u tletin sena, jiġifieri fi żmien ta' 12 il-sena li sata' dam Ruma, dlonk kien ikollu jasal wasla sa hawn Malta u, kif naħseb, waħda mill-mawrien tiegħu lejn Malta kienet dik ta' Awissu tal-1792 meta kif semmejt hawn qabel, huwa u għaddej minn Pa-

(1) Ara "Lexicon" paġ. VII, § III.

lermu, ġietu li jara t-tliet lapidi minquxin b'ittri kufiċi. Mill-bqija, fil-Prefazzjoni tal-Vokabolarju, Vassalli stess igħidilna dawn il-kelmiet li bihom jidher ċar illi mħabba ix-xogħol ta' dan il-Vokabolarju hu kellu jitlaq minn Ruma u jasal wasla hawn Malta. "Fil-Prefazzjoni storika tal-Grammatka jiena kont wegħidt li ninseġ Ktieb il-Kliem Malti, li tiegħu dak iż-żmien (1791) jien kelli miġbur il-materjal; iżda billi kont il-bogħod minn pajjiżi, deherli li għalhekk *jiena narġa' lejn Malta*, KIF JIENA GHAMILT, sabiex narġa' ndur l-artijiet tagħna u nitkellem imħabba f'hekk mal-Maltin u l-Għawdxin, bħala nies li għandhom gie mħolli, fil-għamla tagħha safja, it-tifkira ta' dan l-ilsien" (1).

Kif jidher minn avviż (li tiegħu ġibt hawnhekk fotografija), skond l-ewwel ħsieb imfisser fil-manifest tal-1792, il-Vokabolarju kellu jkun imqassam fi tliet bċejjeċ, fosthom l-ewwel tnejn, wieħed mil-Latin għall-Malti u l-ieħor mit-Taljan għall-Malti u dawn jingħaqdu f'żewġ volumi ta' daqs inqas mill-Vokabolarju li kien ħareġ; iżda, billi sab li kien hemm għadd kbir ta' kliem u li dan il-kliem ħtieġlu tifsir fil-wisa', deherlu li dan il-kliem kollu bit-tifsir tiegħu jiġbru fi ktieb wieħed u jistampah bid-daqs tal-Vokabolarju li ħareġ u flok b'tipi żgħar, b'karattru kbir biex jista' jinkara' tajjeb; iżda biex jistampah b'dan il-karattru, mingħajr ma wieħed iħalli barra ż-żidiet meħtieġa u l-Prefazzjoni, u biex ma jżidx in-numru tal-volumi, Vassalli qata' li jaqsam ix-xogħol b'mod ieħor; jiġbor il-Malti, il-Latin u t-Taljan f'volum wieħed (li hu dak li ħareġ) u fit-tieni volum idaħħal l-Indiċi tal-kliem latin u taljan u magħhom Żieda barranija ta' kliem u Żieda oħra dwar it-tnissil tal-kliem (etimoloġija tal-kliem). Fuq hekk il-prezz ta' l-ewwel volum (li hu l-"Lexicon" maħruġ fl-1796) għall-imseħbin tbiddel f'4 skudi u tat-tieni volum f'żewġ skudi, skud iżjed mill-prezz li kien hemm maħsub qabel. Dawk li m'humiex imseħbin fil-Vokabolarju għall-ewwel volum iħallsu 5 scudi u għat-tieni 2 scudi u nofs (2). Nistgħu ngħidu, għalhekk, illi f'dak iż-żmien il-"Lexicon" kont tista' tiksbu bil-prezz ta' 8s. 4d. It-tieni Volum li kien wiegħed baqa' biex ma ħareġ qatt. X'kienet ir-raġuni wieħed jista' jobsorha. Wara dik is-sena li ħareġ il-Vokabolarju, Vassalli sab ruħu mdeffes f'taħwid hekk ikreh tal-pajjiż li xekklu għal żmien twil u baqa' biex qabel l-1827 minn tiegħu ma deher ebda xogħol ieħor fuq il-Malti.

(*Tissokta*) A. C.

(1) Ara "Lexicon" paġ. VIII, § III.

(2) Vassalli kien waħħal biċċa karta (miktuba minnu u minnu iffirmata) fuq l-avviż li tiegħu ġibt fotografija stampata u fiha biddel u għamel il-prezzijiet ġodda tal-ktieb.